MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 16/2005

It-Tribunal:

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm124.74) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21560685 (AC No. 10220169), liema servizz gie installat f'"Sydney Court" Raymond Caruana Street, Ghajnsielem, GHawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreements u t-talba ghat-trasferiment tas-servizz li qed jigu hawn annessu u immarkati bhala dokumenti "A" u "B".

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huma ingunt ghas-subizzjoni."
16/2005

Ra l-ammissjoni tal-konvenut maghmula permezz ta' nota tal-15 ta' Lulju 2005 (fol 12)

Ra l-ftehim esibit a fol 13 li permezz tieghu sar ftehim dwar il-modalita' tal-pagament tas-somma dovuta liema ftehim il-partijiet qablu li ghandu jservi bhala bazi ta' din i-sentenza.

Ikkunsidra

Illi kif majjistralment vergat mill-Imhallef Philip Sciberras, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Rev. George Schembri vs Igor Moscalenko - 09.06.2004. Huwa pacifiku illi "perche un contratto possa qualificarsi di transazione, e` necessario che le parti col medesimo abbiano posto fine ad una lite incominciata, o prevenuto una lite che fosse per nascere" (Kollaz. Vol. X pagna 337). Dan jirrientra fid-definizzjoni li l-ligi stess taghti lill-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili; Kif, imbaghad, insenjat "it-transazzjoni ghandha zewg elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha
mill-kuntratti l-ohra; l-ewwel wiehed hu d-dubju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess minflok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattici jsejhu l-"hinc inde remissum", cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku." (Kollez. Vol. XLIII P I p 418);

Dan premess, gjaladarba wkoll it-transazzjoni de quo tirrivesti l-formalita` tal-kitba rikjesta mill-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili, it-transazzjoni hekk milhuqa bejn ilkontendenti f' dan il-kaz ghar-rigward tal-kontroversja ta' bejniethom "ghandha l-effett ta' sentenza li tghaddi f'gudikat u ghalhekk it-transazzjoni hi parifikata ghal sentenza" (Kollaz. Vol. XXXIV P III p 900). Mhux il-kaz ghalhekk li din l-istess transazzjoni tigi disturbata;

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi, billi jilqa' t-talba attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' LM124.74c pagabbli LM25 minnufih u l-bilanc bir-rata ta' LM15 kull xahar b'effett mit-13 ta' Lulju 2005. Jekk il-konvenut jonqos li jeffettwa xi pagament il-

bilanc allura dovut isir pagabbli kollu f'daqqa u mid-data ta' tali morosita' jiddekorri l-imghax legali sad-data tal-eventwali hlas effettiv. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------